MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2293/2002

**Causio Cuschieri**
**vs**
**Mario Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fl-20 ta' Settembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1500) u dana in kwantu tad-danni ikkagunati mill-konvenut fil-mutur ta' l-attur ta' l-ghamla Derbi Sendar bin-numru tar-registrazzjoni FAL 486 stante incident awtomobilistiku li sehh unikament tort, bin-negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut nhar il-21 ta' Lulju, 2002, gewwa Triq il-Gharghur, Birkirkara, tal-Balal meta kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 947 ta' l-ghamla Seat Ibiza u habat gewwa l-mutur proprjeta' ta' l-attur;**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 12 t'Awissu, 2002 u ittra ufficjali indirizzata lill-**

**assigurazzjoni tal-konvenut u li qed tigi prezentata fl-istess data ta' din it-talba. Bl-imghax mid-data ta' l-incident sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 t'Ottubru, 2002, fejn intqal illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut u dan peress li l-incident awtomobilistiku de quo ma sehhx b-rizultat ta' negligenza u nuqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku de parti tal-konvenut;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba hija wahda ezagerata u ma tirriflettix l-ispejjez reali;**

**Salvi eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjez.**

**Ra l-kontrotalba u r-risposta attrici prezentata fid-29 t'Ottubru, 2002, fejn intqal li l-incident de quo sehh unikament tort, bin-negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Mario Zammit u kien ghalhekk li Causio Cuschieri kien l-ewwel wiehed li fetah il-kawza kontra Mario Zammit stante li ghalkemm l-insurance ta' l-istess Zammit tat it-tort lil Mario Zammit dan ta' l-ahhar insista li ma jaghmilx il-claim ma' l-insurance tieghu;**

**Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa eccessiv;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez.**

**Sema' x-xiehda u ezamina id-dokumenti inkluz ir-rapport mediku;**

**Ikkunsidra;**
**Illi l-lok ta' l-incident hija roundabout f'arterja principali bhal ma hi Triq tal-Balal – bejn San Gwann u n-Naxxar.**

**Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet hierga mit-triq li taghti ghal Vibes Discotheque u l-mutur misjuq mill-attur gej minn Triq il-Gharghur cioe mid-direzzjoni**

**minn San Gwann ghan-Naxxar. Il-vettura tal-konvenut tigi li harget minn fuq ix-xellug tal-mutur ta' l-attur. Illi jirrizulta, kif del resto ikkonfermat mill-kondendenti u x-xhieda taghhom, li fuq l-avvicinar tar-roundabout u fuq l-istess roundabout, hemm 'give-way signs' biex jaghtu precedenza lil min gja qieghed fuq ir-roundabout.**

**Illi z-zewg ingenji habtu f'forma ta' T fis-sens li l-mutur baqa' diehel trasversalment fil-vettura tal-konvenut. It-tnejn hargu ghad-dritt izda biex il-mutur lahaq lill-konvenut ifisser li hareg qablu u gja kien fuq ir-roundabout. Id-dritta tappartjeni lil min gja kien fuqha.**

**Illi l-konvenut ul-passiggiera tieghu xehdu li ghalkemm raw l-ewwel mutur li ghadda qabel l-attur, huma raw lill-attur mad-daqqa. L-iskop ta' 'give way' u/jew 'stop signs' huwa precisament biex jaghtu vizwali u jesplora t-triq qabel ma jimmanuvra biex johrog. Filwaqt li l-attur u s-sewwieqa tal-mutur ta' warajh raw lill-konvenut hiereg, dana stqarr li lill-attur qatt ma rah hlief ghall-mutur ta' qablu.**

**It-triq hija dritta xema' li taghti opportunita' grassa ta' vizwali. Ma kien hemm xejn li jtellef lill-konvenut milli jara x'vetturi kienu gejjin minn fuq il-lemin tieghu – diment li l-attur kien qabel il-konvenut fuq ir-roundabout, il-precedenza kienet tappartjeni lilu. Di fatti anki l-'ispot of impact' kif rizultanti tikkonferma dan. Jirrizulta wkoll li d-daqqa ma kenitx zghira billi apparti l-hsarat riportati fil-mutur bid-daqqa mal-vettura ghola u qabez fuqha. Il-konvenut ma setax ma jarahx lill-attur.**

**F'dawn ic-cirkostanzi, r-responsabbilta' unika ma tistax ma tigix akkordata unikament lill-konvenut.**

**Relattivament ghal quantum tad-danni, ghalkemm il-konvenut talab elf u hames mitt lira (LM1500), jirrizulta li mill-provi minnu prodotti dawn jammontaw ghal elf u hamsin lira (LM1050), ammont li huwa ekwivalenti**

**ghall-prezz ta' l-akkwist ta' l-istess mutur. Is-surveyor tas-socjeta' assiguratrici tal-konvenut kienet offriet somma ta tmien mitt lira (LM800) bhala 'cash settlement' u wreck value ta' mitejn u hamsir lira (LM250). Dan il-valur ma giex kontestat mill-istess attur u l-konvenut. Aktar u aktar meta kien 'beyond economical repair.'**

**Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro talba tieghu, jilqa' t-talbiet attrici u r-risposta tieghu ghall-kontrotalba jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' u jikkundanna lill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmin mitt lira (LM800) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tas-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------